MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2005

Numru. 9/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
v

**CHARLES AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLES AZZOPARDI** bin Angelo u Jane nee Debrincat imwieled nhar il-25 ta' Ottubru, 2004 u residenti fil-fond numru 1, Modesta, Triq l-Isqof Ruzar Farrugia, Xaghra, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 34856G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fil-jiem ta' qabel il-25 ta' Ottubru, 2004, f'ghalqa li tinsab fi Triq Ruzar Farrugia, Xaghra, Ghawdex;

1. Waqqa jew ipprova jwaqqa, qata jew ipprova jaqta, nehha jew ipprova jnehhi l-qoxra ta' sigra tac-

cipress (Cupressus sempervirens) jew partijiet taghha, ipprova jnehhi l-weraq tal-istess sigra, qala jew ipprova jaqla l-gheruq, qala jew ipprova jnehhi  l-injam, jew bi kwalunkwe mod qered jew ipprova jeqred, ghamel hsara jew ipprova jaghmel hsara l-imsemmija sigra jew xi partijiet taghha.

Il-Qorti semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` lil Elisabeth Conrad u Bonnie Farrugia, zewg Spetturi fid-Dipartiment tal-Ambjent u ppjanar jghidu illi huma kellhom rapport li l-imputat qata’ sigra tac-Cipress minn go ghalqa li tinsab fi Triq Ruzar Farrugia, Xaghra.  Huma ghalhekk accedew fuq il-post in kwistjoni u kellmu lill-imputat li minn naha tieghu ammetta maghhom illi verament kien qata’ s-sigra tac-Cipress, pero’ dan ghamlu fis-sajf ta’ qabel. Mistoqsija kemm kellha zmien din is-sigra tac-Cipress, ix-xhieda ma kienux f’posizzjoni li jghidu.

L-imputat ghazel li ma jixhidx kif kellu kull dritt jaghmel.

Id-difiza ssostni li din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati peress illi s-sigra in kwistjoni semmai nqatghet zmien qabel iz-zmien indikat fic-citazzjoni.

Il-Qorti thoss illi tali difiza bir-rispett kollu hija wahda dghajjfa in vista ta’ dak li jiddisponi l-artikolu 360 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Illi fil-fehema taghha l-imputat kien jaf biex kien qed jigi akkuzat u stante li l-komparixxi ma hi xejn hlief avviso di comparire u l-imputat kien notifikat debitament bil-komparixxi bil-fatti tal-akkuza kif hemm deskritti, tali difiza ma treggiex.

Il-Prosekuzzjoni ma rrnexxielhix tipprova l-eta` tas-sigra u ghalhekk sejra tikkonsidra s-sigra bhal li kieku kellha inqas minn ghaxar snin peress illi l-multa applikabbli hija anqas minn li kieku s-sigra kellha aktar minn ghaxar snin.

**Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 6 u 7 (4) tal-Avviz Legali 12 ta’ 2001 tal-Kap 348 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara illi ssib lill-imputat CHARLES AZZOPARDI hati tal-akkuza kif dedotta u tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ mitt Lira Maltin (LM 100).**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------